MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2485/2002

**Avviz Numru 2485/02AJD**
**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Anthony Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u sebghin lira Maltin u hamsin centezmuu (Lm976.50) rappresentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala 'Dok. 'A'. Bl-ispejjes u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Siro Bugeja in rappresentanza tal-Awtorita' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u sebghin lira Maltin u hamsin centezmuu (Lm976.50), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**